# RAPPORT AMMINISTRATIV

## TAS-SEGRETARJU: G. ZARB ADAMI

Mindu nħatar, jiġifieri fid-29 ta' April, 1962, sal-lum, il-Kunsill iltaqa' 14-il darba u sejjaħ flimkien il-Membri Akkademiċi kollha 5 darbiet oħra, jiġifieri saret laqgħa kull xi 7 ġimgħat; ma' dawn għandna nżidu dawk il-laqgħat li għamlu l-kummissjonijiet differenti mwaqqfa mill-Kunsill biex l-ewwel jistħarrġu xi xewqa tal-Kunsill jew tal-Laqgħa Ġenerali, u mbagħad jieħdu l-passi biex il-ħsieb isir fatt. Nistgħu ngħidu, għalhekk, b'wiċċna bil-quddiem li ma' tul dan iż-żmien il-ħajja tax-xirka tagħna kienet attiva, minkejja t-tfixkil li kemm-il darba ltqajna miegħu.

Kif ġa kulħadd jaf (imma f'rapport bħal dan ċerti affarijiet ma jistgħux ma jissemmewx) ix-xirka tagħna ħadet isem ġdid — kif kien jixirqilha, u kif titlob il-milja taż-żmien — imma baqgħet ukoll iż-żomm l-isem li bih kienet u għadha magħrufa mill-kotra tal-Maltin. Fil-għażla ta' l-isem il-ġdid kienet imweġġha t-tradizzjoni, u għalhekk din ix-xirka hi issa mżejna bl-isem sabiħ ta' **AKKADEMJA TAL-MALTI** *(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)* u għandha wkoll Emblema b'motto bil-Latin li juru u jfissru x'inhu l-iskop tagħna.

La semmejt l-Emblema u l-Motto jixraq ukoll li hawn ngħid erba' kelmiet fuq id-Diploma, għax dawn donnhom kienu jinsabu marbuta flimkien. Kienet ilha x-xewqa tal-Membri li jkollna dawn it-tliet ħwejjeġ u issa din ix-xewqa ntemmet. Il-kummissjoni mwaqqfa għal dan l-iskop stħarrġet u fliet bir-reqqa s-suġġerimenti li saru, ukoll minn Membri mhux tal-Kunsill, u fl-aħħar ħadet il-passi meħtieġa biex il-ħsieb ma jibqax ħaġa fl-ajru; nittama li r-riżultat finali ngħoġob. Ma nistax nagħlaq fuq dan is-suġġett bla ma ngħid kelma ta' ħajr lill-meqjum Prof. Patri Prov. Serafin Zarb, li tiegħu kien il-motto magħżul biex ikun inkorporat fl-emblema, u li tħabat ħafna biex id-diplomi jkunu opra tassew artistika, u lill-Kav. Emvin Cremona, pittur u artist magħruf li fehem il-ħsieb tagħna, studja s-suġġerimenti li kienu saru mis-Sur Zammit Cordina u s-Sur Mallia Zarb u tana emblema xierqa u kif titlob l-arti.

Saret biċċa xogħol oħra li l-ħtieġa tagħha kienet ilha tinħass: din hi r-reviżjoni ta' l-Istatut, li issa jiġbor fih l-emendi u ż-żidiet li saru maż-żmien mindu kien stampat dak tal-1942, b'xi oħrajn magħhom li l-ħtiġiet tal-lum jitolbu. Nittamaw li l-Kunsill il-ġdid jistampa l-Istatut bla telf ta' żmien u jqassmu lill-Membri. Fost ħwejjeġ oħra ta' importanza akbar jew iżgħar li nsibu f'dan l-Istatut hemm tnejn li jisbqu lill-oħrajn: waħda ġà semmejtha — l-isem il-ġdid u l-em-

blema; l-oħra — min huma l-Membri tal-Akkademja, kif jitqassmu f'Akkademiċi, Onorarji u Korrispondenti, u kif jinħatru.

Ma' tul il-ħajja ta' dan il-Kunsill fi Gżiritna kien hemm ġrajjiet li taw prova tanġibli tas-siwi tal-Akkademja tagħna u wrew kemm hu bnin il-frott tal-ħidma tagħna ma' tul is-snin. Fil-21 ta' Settembru, 1964, Malta saret nazzjon indipendenti; dan il-fatt ġieb miegħu rebħa kbira għalina, rebħa għal dawk sħabna qalbenin mejta jew li għadhom fost il-ħajjin, li waqqfu din l-Akkademja għaliex il-ħidma tagħna minkejja, forsi, ir-rieda kuntrarja ta' xi wħud, ġiet magħrufa u mbierka meta fil-Karta Kostituzzjonali ta' Malta Indipendenti tniżżel li l-Malti hu l-Ilsien Nazzjonali tagħna — kif jixhed il-bronż tal-Irħama Kommemorativa mqiegħda mal-faċċata tal-Palazz. Tista' qalbna ma tfurx bil-ferħ meta nisimgħu lil niesna jitolbu fuqhom il-barka tal-Mulej bi kliem Dun Karm tagħna? Nistgħu ma nitkabbrux meta niftakru li l-Innu Malti, miktub f'ilsien artna hu issa l-Innu Nazzjonali ta' Malta Indipendenti? Il-Malti hu wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali tal-amministrazzjoni governattiva; u f'dawn il-ftit xhur li għaddew minn dik il-ġrajja storika tal-21 ta' Settembru, 1964, il-qagħda ta' lsienna kienet imwettqa meta nqata' li l-Ilsien tal-Qrati tagħna mhux biss ser jibqa' jkun il-Malti, iżda li meta l-versjoni tal-Ingliż bl-Ingliż ma taqbelx ma' dik bil-Malti, tkun definitiva dik bil-Malti u fuqha jimxu u jaqtgħu s-sentenzi l-Imħallfin u l-Maġistrati. Nistgħu ma nifirħux b'rebħ bħal dan? Minkejja li l-isem tal-Membri tal-Akkademja baqa' qatt ma deher — kif soltu dejjem sar, barra darb'oħra biss — fil-Gazzetta tal-Gvern, u allavolja kien hemm min saħansitra semma dan in-nuqqas fil-Parlament, aħna dehrilna li għandna nifirħu lill-Prim Ministru għall-pass li kien ħa dwar l-Ilsien Malti; hekk għamilt bħala Segretarju, imma t-tweġiba ta' ringrazzjament li wasletli kienet fuq ismi biss — irrid ngħid li dak kien żball ta' xi skrivan! Irrid ngħid ukoll li r-rieda tal-Gvern hi tajba għaliex xi rqaqat li kien hemm nieqsa fil-kitba fuq l-irħama kommemorativa li ġà semmejt imtlew bil-kwiet kollu. Dik kienet prova oħra li l-Gvern laqa' u għamel tiegħu l-ortografija tagħna.

Ġrajja oħra li tferraħna u tqawwilna qalbna hi li l-Malti daħal u ser jidħol aktar, fl-għoti tas-Sagramenti u b'mod speċjali fil-Liturġija tal-Quddiesa; dan il-pass kien milqugħ tajjeb mill-Knisja Maltija, għax hi għarfet kemm ġid spiritwali qed jinkiseb aktar; il-poplu wkoll laqgħu bil-ferħ għax issa jista' jifhem sewwa x'qed isir fuq l-artal, jista' jieħu sehem akbar fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u b'hekk iħoss ruħu aktar ħaġa waħda ma' Kristu l-Feddej. F'dan it-talb bil-Malti l-Knisja qed tinqeda bix-xogħol tal-Membri tagħna — ewlenin fosthom, Mons. Prof. P.P. Saydon, President Onorarju tagħna —

j'alla ma jgħaddix żmien aktar qabel dak il-kapulavur, it-traduzzjoni bil-Malti tal-Bibbja, ikun apprezzat kif jixraqlu — il-mejjet, imma qatt minsi, Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President tagħna li snin ilu kien ta l-Messal f'idejn il-poplu, u Dun Frans Camilleri li tiegħu huma l-Innijiet u s-Sekwenzi tal-quddiesa bir-rit il-ġdid. Fil-Kummissjoni Liturġika, li f'idejha l-Eċċ. Tiegħu Mons. Gonzi, l-Arċisqof tagħna ħalla dan ix-xogħol, hemm tliet lajċi, fosthom il-President u s-Segretarju tal-Akkademja tagħna; inżid ingħid li fost il-Membri tal-Kleru hemm ukoll Membri oħra Akkademiċi bħalma huma il-Professur Dun Karm Sant, li bħalma jaf kulħadd għandu sehem kbir fix-xogħol ta' din il-Kummissjoni u l-Kapp. Dun Karm Farrugia u l-Patri Prov. Prof. S.S. Zarb, O.P. Dawn iż-żewġ qassisin flimkien mar-rappreżentanti uffiċjali tal-Akkademja tagħna qegħdin jerfgħu fuq spallejhom piż tqil ġmielu.

Dawn huma ġrajjiet li jferrħuna, iżda nafu tajjeb li għad hemm xi jsir biex il-Malti jieħu l-post li jixraqlu haqqu; għalhekk ingħaqadna ma' xirkiet oħra tal-Malti — l-Għaqda tal-Malti (Università); l-Għaqda Letterarja Maltija, Il-Moviment Malti, u l-Għaqda Kittieba Żgħażagħ — biex ilkoll flimkien nitolbu li l-Malti jsir, flimkien ma' l-Ingliż, ilsien uffiċjali tal-Università Rjali ta' Malta. Dan għamilnieh, iżda għad ma għarrfuniex x'passi beħsiebu jieħu l-Kunsill tal-imsemmija Università. Nixtiequ wkoll li l-Kurja tagħmel l-istess ħaġa, imma għadna ma għamilna xejn dwar hekk, għalissa.

Kif ġà tarraft, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof qed jinqeda bina — u bi pjaċir kbir tagħna — fix-xogħol tal-Liturġija; hekk ukoll qed jagħmel il-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam mas-sussidju mogħti lil xi pubblikazzjonijiet bil-Malti li jkollhom xi valur letterarju; il-Membri li jirrappreżentaw lill-Akkademja — meta nqalgħet daqsxejn ta' kwistjoni — baqgħu jgawdu l-fiduċja tal-Kunsill, u l-Gvern baqa' jinqeda bis-servizzi tagħhom.

Iżda mbagħad it-talbiet l-oħra li ressaqna quddiem il-Gvern kienu għalxejn, għallinqas s'issa. Tlabna li nkunu rappreżentati fuq il-Kumitat tat-Teatru Nazzjonali; tkellimna wkoll fuq il-kwsitjoni taċ-ċensura tal-palk u tal-kotba, u xtaqna wkoll li jkollna rappreżentant fil-Bord tal-Awtorità tax-Xandir. Aħna xtaqna u tlabna, imma l-gazzetti ftit li xejn għinuna; x'aktarx li hi meħtieġa kampanja aktar akkanita u forsi b'mezzi aktar effikaċi sabiex is-siwi tal-ħidmiet tagħna jkun aktar magħruf u apprezzat.

Konna bżajna li kien hemm xi ħsieb ta' ndħil żejjed min-naħa tal-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam mal-kliem u frażijiet bil-Malti li jintużaw f'pubblikazzjonijiet uffiċjali. Twaqqfet Kummissjoni u mill-aħjar li stajna studjajna l-kwistjoni; rajna li kienet qed issir daqsxejn

ta' taħwida u għalhekk inkiteb editorjal għaqli fi IL-MALTI fuq il-kwistjoni biex niġbdu l-attenzjoni tal-Gvern u nifthulu għajnejh. IL-MALTI ntbagħat lill-Gvern u milli jidher, il-qagħda għaddiet xi ftit għall-aħjar.

B'danakollu, donnu l-Gvern, sa fejn jista' jipprova jinjora l-esistenza tagħna għaliex ma nirċievu ebda stedina uffiċjali; ma jimpurtax! Oħrajn jafu bina u jilqgħuna.

Issa jmiss li nsemmi ħaġa li lili, bħala Segretarju, tassew għafsitli qalbi u nikktitni: jisgħob bija ngħid li fittixt fuq li fittixt, qallibt fuq li qallibt u saqsejt u erġajt saqsejt, imma ma nistax insib ir-reġistru ta' l-ewwel minuti ta' l-Akkademja. Malli ndunajt b'dan in-nuqqas — u ndunajt b'kumbinazzjoni, għaliex wieħed Membru talabni xi tagħrif li seta' jinkiseb bir-reqqa minn dak ir-reġistru biss, u meta fittixtu ma sibtux — jien għarraft minnufih il-President u wara lill-Kunsill. Jien fittixt dak il-ktieb fuq li fittixtu, imma kien kollox għalxejn. Ma nistax ma nagħmilx sejħa lil kull wieħed minna u nitolbu l-għajnuna tiegħu ħalli dak il-ktieb jerġa' jiġi f'idejna. Kif intilef ebda Membru tal-Kunsill ma jaf . . . . forsi fil-ġarr, forsi xi ħadd issellfu u nesa jibagħtu lura . . . . J'Alla jinsab!

Il-Kunsill għandu għal qalbu l-interessi tal-Awturi, anki dawk finanzjarji; għalhekk ħa passi mar-Rediffusion biex it-tariffi tal-ħlas lill-awturi li kienu mhedda, għaliex qalu li riedu jagħmlu ekonomija — jibqgħu bla mittiefsa — u ntlaħaq kompromess li bih ħadd ma nqaras.

Kien hemm min ġietu l-idea li nitolbu għajnuna finanzjarja lill-U.N.E.S.C.O. — aħna stħarriġna x'seta' jsir, iżda sibna li l-għajnuna tingħata lill-gvernijiet jew għat-talba tagħhom. Għalhekk tlabna lill-Gvern iżidilna s-sussidju ta' £30 fis-sena u wrejnieh li t-£30 li jagħtuna kull sena ma għadhomx jiswew fil-fatt daqs kemm kienu jiswew meta l-Gvern, fl-imgħoddi, kien qata' li jagħtina dik is-somma. Għadna nittamaw.

Ma għandix għalfejn ngħidilkom li l-Akkademja mhix sinjura — ħadd s'issa ma għadu ħallielha xi legat biex tkun tista' tilqa' l-ispejjeż — filwaqt li min-naħa l-oħra n-nefqa ta' kull sena qiegħda tikber. B'danakollu, mill-faqar tagħna għamilna tliet donazzjonijiet: tajna £2 għall-monument tal-Kan. Fran. Agius de Soldanis f'Għawdex; £5 għaċ-ċelebrazzjoni tal-Indipendenza ta' Malta; u £5 lill-Għaqda Letterarja Maltija biex tagħtihom premjijiet fil-kompetizzjoni ta' novelli li nidiet. Qegħidna żewġ kuruni quddiem il-bust ta' Dun Karm fil-Biblijoteka Rjali: waħda dak in-nhar li nkixef il-bust, meta saret ċerimonja ħelwa li għaliha konna mistiedna u morna bil-qalb; dak in-nhar mhux biss ħassejna li kellna niżżuhajr lil "Christus Rex"

għall-ħsieb sabiħ li tagħmel dak il-bust artistiku — xogħol ta' l-iskultur Ġorġ Borg — u tqiegħdu fejn Dun Karm ħadem għal ma' tul bosta snin; iżda ammirajna wkoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Dr. Antonio Paris, u nġbidna lejh, meta fid-diskors tiegħu stqarr li kien għaraf il-ġmiel u l-kobor tal-poeżija ta' Dun Karm — ta' dak is-Saċerdot ta' Kristu li għax ħabb ilsien artu kien imżeblaħ, imma li fl-aħħarnett ittrijonfa fuq l-għajjura, fuq il-beżżiegħa, fuq in-nies b'żewġt uċuħ, għax b'qalbu f'idejh żamm mas-Sewwa u s-Sewwa ħareġ rebbieħ; qegħidna l-kuruna l-oħra, biex ngħid hekk, f'riġlejn Dun Karm, f'jum l-anniversarju ta' mewtu.

Dun Karm ma għadux magħna, iżda bħal ma għanna hu, il-wirt li ħallielna għadna ngawduh u ngħożżuh; u aħna nuru l-għożża tagħna, u magħna Malta kollha, kull meta, b'qalbna merfugħa lejn il-Mulej, aħna nkantaw l-Innu Nazzjonali u nitolbu l-barka tas-Sema fuqna u fuq Artna.

Ma' tul dawn il-ftit xhur li tagħhom jien qed nagħti rendikont, ix-xirka tagħna tilfet plieri oħra — nies li kienu minn ta' quddiem nett f'dan il-moviment patrijottiku, letterarju u xjentifiku. Il-minġel kiefer tal-mewt ħasad il-ħajja tal-Professur Patri Atanasju Cuschieri, Karmelitan, filosfu għaref u meqjum, u li kien qala', bil-ħaqq kollu l-isem ta' "*il-poeta tal-Madonna*" u l-ieħor ta' "*il-poeta ta' l-Ilsien Malti*", għax kif għanniehom hu ma għanniehom ħadd fostna l-Maltin. Għab minn fostna, mibki minn kull min kien jafu, it-Tabib Rużar Briffa, wieħed mill-akbar poeti liriċi li sebbħu l-Musa Maltija u li kif xieraq kien magħruf bħala "*il-poeta tal-ġmiel*"; miet ukoll f'pajjiżu, l-Ingilterra, Father Edmund Sutcliffe, Ġiżwita, l-awtur ta' grammatika Maltija mibnija fuq sisien xjentifiċi u li tħaddan l-ortografija tagħna; ħallewna wkoll, Rogantin Cachia, Ġużè Porsella Flores u Ġużè Micallef li kienu minn ta' l-ewwel li ħabbew l-"GĦAQDA" u ssieltu għaliha.

Lil dawn sħabna fl-ideal aħna ikkommerajniehom, bid-dmugħ f'għajnejna, fil-quddiesa li l-Professur Patri Serafin Zarb qaddes fl-Oratorju tas-Sagrament fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-31 ta' Marzu, 1963, u li għaliha stedinna, u ġew, il-membri tal-familja tagħhom; ikkommemorajniehom f'diskors li sar mill-President, kif ukoll f'kitba dwarhom fl-organu tagħna, IL-MALTI.

Il-Kunsill xtaq, u din ix-xewqa laqgħetha wkoll il-Laqgħa Ġenerali li "ta' kull sena ssir quddiesa fix-xahar ta' Novembru għal ruħ il-Membri tagħna li jkunu mietu"; il-ħsieb hu li għal din il-quddiesa jassistu mhux biss il-Membri tal-Akkademja iżda wkoll in-nies tal-familji milquta bit-telfa tal-maħbubin tagħhom.

Hemm ħwejjeġ oħra, li ġa ttieħdu passi dwarhom, iżda li għadhom ma seħħux; dawn huma: l-irħama kommemorattiva li għandha titqiegħed fl-Università Rjali ta' Malta biex tfakkar lit-Tabib Rużar Briffa u lit-Tabib Ġużè Bonnici — għal din l-irħama rċevejna kontribuzzjoni ta' £10 minn għand is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar, Membru Korrispondent tagħna, u mara li tħobb ħafna lil Malta, kull ħaġa Maltija, imma b'mod speċjali l-Ilsien Malti. Kellhom ukoll isiru xi laqgħat letterarji u kommemorattivi, kif ukoll xi laqgħat soċjali, iżda mħabba t-tfixkil li nqala', minn dan kollu baqa' ma sar xejn. Nittamaw li fli ġej jinstabu mezzi biex dawn ix-xewqat iseħħu. Hemm ħsieb ukoll li titqiegħed irħama oħra f'San Pawl il-Baħar mal-faċċata tad-dar fejn Dun Karm kien kiteb l-"Otia Aestiva"; l-istess bħalma għall-irħama l-oħra li għadni kemm semmejt, nittamaw li ma jgħaddix żmien twil qabel ma dawn ix-xewqat isiru fatti.

Għandi pjaċir inħabbar li l-għadd tal-Membri Akkademiċi żdied bi tnejn: is-Sur Charles Coleiro u s-Sur Ġorġ Stevens, li aħna nilqgħu fi ħdan l-Akkademja, nagħtuhom il-merħba u nawgurawlhom ħidma wtieqa fil-qasam letterarju Malti.

Hemm ukoll min jixtieq jaffilja magħna. Biex ikun jista' jsir dan, kif ukoll biex aħna nkunu nistgħu naffiljaw ma' ħaddieħor kien meħtieġ li jkun hemm provvediment fl-Istatut; dan issa sar u l-Kunsill il-ġdid jista' jieħu l-passi meħtieġa. Kien hemm min xtaq li naffiljaw mal-*C.O.M.E.S.* u mal-*International P.E.N.*; sibna li l-C.O.M.E.S. tilqa' biss individwi li x'aktarx ikunu nies ta' fama internazzjonali, bħalma ngħidu aħna min jirbaħ il-premju Nobel għal-letteratura; dwar il-P.E.N. irid isir "club" lokali li tiegħu l-Membri Akkademiċi tagħna jistgħu wkoll ikunu membri. Dħalna f'korrispondenza ma' wieħed mid-Diretturi tal-Library of Congress ta' Washington u filwaqt li nibagħtulu Il-Malti hu jibagħtilna kotba u pubblikazzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-ilsna semin, bħalma huma l-Għarbi, il-Persjan, u l-Ebrajk. Nibagħtu Il-Malti wkoll, fost l-oħrajn, lill-Biblioteca Ambrosiana ta' Milan, l-Italja, lid-Direttur ta' l-Istudji Semitiċi ta' l-Università ta' Melbourne, l-Awstralja, lid-Direttur tal-British Museum ta' Londra, lis-Sociedade de Studios ta' Mozambique, u dan l-aħħar lill-Universided de la Pampa ta' l-Arġentina; dawn ilkoll dan l-aħħar bagħtu jirringrazzjawna.

Jew għax l-għadd tal-ħbieb qed joktor, jonkella mħabba ċirkostanzi li qed jimponu ruħhom, l-Ilsien Malti u l-Letteratura tiegħu qegħdin jieħdu l-post li ħaqqhom fil-ħajja tagħna bħala nazzjon; b'danakollu ma nistgħux nagħalqu għajnejna għall-fatt li għad hawn min il-Malti joboghdu, min ma jagħrafx is-siwi tiegħu, jew min ma jridx jaf bih għax miġnun wara l-ġmiel ta' ilsna oħra. Dawn ilkoll,

min wisq, min ftit, huma għedewwa tal-ideal tagħna u jeħteġilna b'mod jew b'ieħor, nikkumbattuhom — l-aħjar, forsi, billi b'mod positiv nuru x'inhu l-Malti u x'jiswa għalina. B'dan il-ħsieb ingħaqadna ma' xirkiet oħra li jħossu bħalna biex flimkien norganizzaw ĠIMGĦA TAL-MALTI li ma' tulha jsiru xandiriet u taħditiet, laqgħat akkademiċi, xi ħaġa fuq il-palk u affarijiet oħra bħal dawn biex dejjem aktar inħeġġu n-nies għall-Malti, nuruhom is-siwi tiegħu u nħajruhom iħobbuh dejjem aktar.

Kif qed taraw dan il-Kunsill beda u temm ħafna affarijiet, beda oħrajn u għadu ma temmhomx, u hemm ħwejjeġ oħra li xtaq jagħmel imma li għal xi raġuni jew oħra ma setax. Dan ifisser li l-Kunsill il-ġdid ser ikollu ħafna xogħol ieħor x'jieħu ħsieb; nixtiqulu suċċess; u jien, b'mod partikolari nawgura suċċess lil min, warajja jinħatar u jidħol għall-kariga ta' Segretarju.

Fl-aħħarnett irrid nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kunsill għall-għajnuna li dejjem tawni, imma b'mod speċjali nirringrazzja lill-President, li mhux biss għinni, imma dejjem tani pariri tajba u qawwieli qalbi billi qatt ma naqas li jaqsam miegħi bla tgemgim u bil-ferħ il-pis li kelli fuq spallejja.

# KONKORS NAZZJONALI TA' NOVELLI

**Il-Prijurat tal-Lingwa Maltija ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm għall-okkażjoni tar-Raba' Ċentenarju ta' l-Assedju l-Kbir għandu l-pjaċir li jniedi Konkors Nazzjonali ta' Novelli bil-Malti bi premjijiet ta' flus u ta' Diplomi Kommemorativi.**

**L-Ewwel Premju: £8, ġentilment offrut mis-St. George's Flour Mills f'isem l-Għalf Bilanċjat "Sustanza";**

**It-Tieni Premju: £6, ġentilment offrut mill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture;**

**It-Tielet Premju: £4, ġentilment offrut minn Scicluna's Bank.**

**Il-kundizzjonijiet ta' dan il-Konkors jistgħu jittieħdu minn għand il-Komm. Kelinu Vella Haber, O.S.J., Prijur ta' Malta, 66, Triq Stuart, Gżira.**